**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
**B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,**
**M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit**

**Kumpilazzjoni Nru. 468/20**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**
**(Spettur Stacy Attard)**
**-vs-**
**Christopher Zammit**

Illum, 26 ta' Frar, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Christopher Zammit, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 126382(M);

Akkuzat talli gewwa l-fond 33, Nenvie, Triq il-Kappillan Valletta, Hamrun u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin nhar is-sbatax (17) ta' Settembru, elfejn u ghoxrin (2020) u fil-jiem u x-xhur ta' qabel:

1. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil ommu, Rosina Zammit u dan bi ksur tal-Artikolu 251A(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ikkaguna lill-istess Rosina Zammit, li tigi ommu, biza' li vjolenza ser tigi kkagunata fuq il-persuna taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 251(B)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-roglamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Ukoll talli nhar is-sbatax (17) ta' Settembru, elfejn u ghoxrin (2020) gewwa l-fond 33, Nenvie, Triq il-Kappillan Valletta, Hamrun u/jew fi bnadi ohra fil-Hamrun, Malta, bejn is-sitta u nofs ta' filghodu (06:30hrs) u t-tmienja u nofs ta' filghodu (08:30hrs) bla ordni skont il-ligi ta' awtorita' kompetenti zamm jew issekwestra lil Rosina Zammit kontra l-volonta' taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata u dan bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Rosina Zammit ai termini tal-Artikoli 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekuturi, l-Ispettur Roderick Attard u l-Ispettur Stacy Attard, qraw u kkonfermaw bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 17 ta' Settembru 2020 quddiem din il-Qorti.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 101 immarkata bhala Dok RA1, ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 9 immarkata bhala Dok RA2, certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok RA3, fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok RA4, okkorrenza immarkata bhala Dok RA5, 'risk assessment' immarkat bhala Dok RA6, stqarrija immarkata bhala Dok RA7, zewg okkorrenzi mmarkati bhala Dok EB1 u EB2 u rapport tal-'probation' immarkat bhala Dok OB1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil Rosina Zammit, l-Ispettur Roderick Attard, Carol Ellul, PC 1202 Ryan Magro, PC 1469 Emerson Borg, l-Ispettur Stacy, PS 1222 Karl Vella Cassia, 'Probation Officer' Odelsey Bayliss, Psikjatra Dr Anthony Dimech u Rosina Zammit.

**Rosina Zammit** tghid li nhar is-17 ta' Settembru xil-5.30am kien mar iqajjimha t-tifel Chris sabiex icempel lil huh Kevin biex itih xi haga tal-flus ghall-eroina. Hija tghid li huh ma ridx itih flus umbaghad beda jcempel liz-zijiet, hadd ma rid itih u beda jirrabja. Is-Sinjura Zammit kompliet tghid li umbaghad taparsi cemplet lit tifel u kien ha jgiblu flus, izda ftit wara marret tibghat email lit-tifla Janet biex tghidilha x'kien gara u li ma tistax tibqa' sejra hekk, u ftit wara habbat il-bieb u gew il-Pulizija ghalih. Is-Sinjura Zammit stqarret ukoll li nhar l-14 ta' Settembru kien zammha minn idha u ma hallijix tohrog biex tara jtuhix xi ikel il-girien ghaliex kienu spiccaw bla flus. Hija tghid li beda jghidilha li ha jiggennen minghajr eroina u kkonvincitu biex tmur tara jatihx xi haga tal-flus il-kappillan, u x'hin harget kienet cemplet lill-Pulizija u ghamlet rapport l-Ghassa u ma' tal-Appogg. Hija kompliet tghid li t-tifel, Christopher, ghandu problema kbira tad-droga u minhabba l-ammont ta' flus li jkun irid ghandha d-dejn ma' hutha u t-tfal, ghax meta tispicca l-pensjoni taghha u tat-tifel iduru ghalihom. Hija tghid ukoll li thossha mbezza' u li tixtiequ jfiq.

Rosina Zammit regghet xehdet fil-11 ta' Dicembru, 2020 fejn qalet li Christopher Zammit kien sejjer tajjeb, u li kienet lesta li terga' taccettah id-dar.

L-**Ispettur Roderick Attard** jghid li nhar l-14 ta' Settembru kien infurmat li s-Sinjura Rosina Zammit kien sarilha 'risk assessment' li rrizulta riskju gholi wara li din qalet li binha kellu problema kbira ta' droga u kien qed jikkagunalha biza' u jitlobha hafna flus. Huwa jghid li kien arrestah pero' l-arrest kellu jiddekorri minhabba li s-Sur Zammit ma kellux ricetti ta' 'antiposychotic antibiotics' u l-'lock up' ma ridux jaccettawh. Huwa kompla jghid li tliet ijiem wara s-Sinjura Zammit irraportat arrest illegali minn binha u b'hekk ordna l-arrest tieghu u hadlu stqarrija.

**Carol Ellul** tghid li fl-14 ta' Settembru, 2020 hija kienet ghamlet risk assessment fuq Rose Zammit, li tigi omm Christopher Zammit. Rose Zammit wriet ix-xewqa li Christopher Zammit jinghata l-kura stante li kien ilu hmistax-il sena jabbuza mid-droga. Hija spjegat li marret tghamel ir-risk assessment ghaliex dak

inhar filghodu, Christopher Zammit qajjimha sabiex tibda ccempel lil familjari taghhom sabiex ituh il-flus biex ikun jista' jixtri d-droga. Christopher Zammit kien jabbuza mid-droga erojina.

**PC 1202 Ryan Magro** jghid li fl-14 ta' Settembru, 2020 ghal habta tan-nofs siegha u hames minuti, hu ha rapport ta' Rosina Zammit fejn qalet li kellha argument mat-tifel taghha Christopher Zammit dakinhar stess. Rosina Zammit spjegat li l-argument kien dwar il-flus, ghaliex Christopher ried il-flus u Rosina ma kellhiex u Christopher baqa' jinsisti maghha sabiex tara minn fejn se ggiblu l-flus. Rosina ppruvat tohrog mid-dar taghha u Christopher zammha minn idha. Hija qaltlu li kienet sejra ghand il-kappillan forsi jtiha xi haga tal-flus u b'hekk irnexxielha tohrog mid-dar u ccempel ghall-assistenza tal-pulizija. PC 1202 Ryan Magro saqsa lil Rosina Zammit jekk xtaqitx tghamel risk assessment u hija accettat. Ir-rizultat tar-risk assessment kien wiehed ta' 14 u allura meqjus bhala 'high risk'.

**PC 1469 Emerson Borg** jghid li fl-14 ta' Settembru, 2020 ghall-habta tas-6:00 p.m. skorta lil Christopher Zammit il-'policlinic' tal-Furjana sabiex jaghmillu ricetta ghal pilloli izda peress li t-tabib ma setax jaghmillu din ir-ricetta, ma setax jinzamm fil-kustodja tal-pulizija gewwa l-'lock up'. Ghalhekk, PC 1469 Emerson Borg informa lill-Ispettur b'dan kollu fejn inghata struzzjonijiet sabiex jiehu l-verzjoni ta' Christopher Zammit u sussegwentement Christopher Zammit gie rilaxxjat. Tlett ijiem wara, fis-17 ta' Settembru, 2020 huwa rcieva telefonata mill-'control room' li Rosina Zammit kienet inqaflet go kamra gewwa r-residenza taghha wara li rrifjutat li taghti xi flus lil Christopher Zammit. Fuq il-post kien hemm Christopher Zammit fejn gie nfurmat bl-arrest tieghu u ttiehed l-Ghassa tal-Hamrun.

**Spettur Stacy Attard** tispjega li fis-17 ta' Settembru, 2020 ghal habta tas-7:30 a.m. giet infurmata minn PS 1500 Alfred Cutajar li ftit tal-hin qabel kien gie nfurmat li kien hemm persuna femminili maqbuda u msakkra gewwa kamra minn binha. Ftit tal-hin wara giet infurmata mill-Ispettur Roderick Attard li tlett ijiem qabel kien involut f'rapport tal-istess familja.

**PS 1222 Karl Vella Cassia** kien xoghol gewwa l-Ghassa tal-Hamrun nhar l-14 ta' Settembru, 2020 u dahal rapport minn certa Rosina Zammit li kellha argument ma binha dwar xi flus. PS 1222 Karl Vella Cassia nforma lil tal-Appogg sabiex jaghmlu 'risk assessment', kif ukoll infurmaw lill-Ispettur Roderick Attard. L-Ispettur hareg ordnijiet sabiex il-persuna tittiehed il-'lock up'.

**Odelsey Bayliss**, 'Probation Officer' spjegat li hija giet mitluba thejji 'social inquiry report'. Hija tispjega li Christopher Zammit ghandu problema akuta ta' droga, liema problema qatt ma giet indirizzata serjament u meta ssuggeriet li jibda programm, dan tal-ahhar ma wera l-ebda interess. Tispjega li Christopher Zammit qieghed taht il-kura tat-tabib psikjatra Dr. Anton Dimech fejn gie kkonfermat li Christopher Zammit ghandu problemi mentali, u bhala kura sahansitra jiehu l-injezzjonijiet.

**Psikjatra Dr. Anton Dimech** jispjega li ilu jara lil Christopher Zammit 'il fuq minn ghaxar snin. Jikkonferma li Christopher Zammit ibati minn zewg kundizzjonijiet ta' natura serja, li huma l-uzu ta' sustanzi kif ukoll problemi ta' sahha mentali fosthom psikozi. Bhala kura huwa anke jiehu l-injezzjonijiet. Jispjega li minhabba dawn il-kundizzjonijiet, Christopher Zammit isib problemi biex jikkoncentra, jiehu decizjonijiet, isolvi l-problemi u jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu. Inoltre, jispjega li fl-opinjoni tieghu, Christopher Zammit ma ghandux jinzamm il-habs stante li dak l-ambjent kapaci jaffettwah b'mod negattiv u lanqas m'ghandu jinzamm gewwa l-Isptar Monte Karmeli. Jghid li sfortunatament hawn Malta ma hemmx facilitajiet jew alternattiva ohra ghal pazjenti bhal Christopher Zammit. Jispjega izda, li, la darba ma hemmx altnerattiva ohra, huwa tal-opinjoni li jekk ghandha tinstab htija, Christopher Zammit ghandu jinzamm gewwa l-isptar Monte Karmeli.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**
Il-fatti ta' dan il-kaz jirrigwarda zewg rapporti li saru minn omm l-imputat u cioe' Rosina Zammit minhabba imgieba aggressiva fil-konfront taghha. Irrizulta minn dak li qalet omm l-imputat fix-xhieda taghha li hija kienet ghamlet rapport fis-17 ta' Settembru 2020 minhabba li l-imputat ried xi flus minn ghandha. Minhabba li hija ma setghetx ittih dawn il-flus mitluba beda jgib ruhu aggressiv tant li pruvat tara kif se taghmel kuntatt ma xi hadd halli jingiebu l-Pulizija. Fil-fatt kienet baghtet 'email' lit-tifla taghha sabiex tinfurma b'dak li kien qieghed jigri. Illi ghalhekk kien bl-intervent tal-Pulizija li arrestaw lill-imputat fuq din il-kwistjoni. Illi ma' dan ir-rapport kien sehh kaz fejn fl-14 ta' Settembru Rosina Zammit kienet ghamlet rapport iehor minhabba li wkoll hawn ried xi flus ghaliex binha u cioe' l-imputat kellu problema tad-droga u ried il-flus halli jkun jista' jinqeda. Bl-agir aggressiv tieghu, beda jzomm lil Rosina Zammit u jheddida li kien sejjer iweggagha jekk ma kenitx tara kif sejra ggib il-flus. Fil-fatt kien irnexxiela tohrog mid-dar u talbet l-assistenza tal-Pulizija fejn gew ghalih u arrestawh. Hija stqarret dwar il-fatt li hija kienet bezghet minnu.

**L-Akkuzi**
L-ewwel u t-tieni akkuzi li ghandu l-imputat huma taht dak li hemm fl-Artikolu 251A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' :

1. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil ommu, Rosina Zammit u dan bi ksur tal-Artikolu 251A(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Ikkaguna lill-istess Rosina Zammit, li tigi ommu, biza' li vjolenza ser tigi kkagunata fuq il-persuna taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 251(B)(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sejra tqis jekk l-imputat jistax tinstab htija fuq dawn iz-zewg imputazzjonijiet li l-imputat qieghed jigi akkuzat bihom. Rosina Zammit fis-seduta tal-1 t'Ottubru 2020 xehdet dwar ir-rapporti li hija ghamlet fil-konfront ta' binha u cioe' l-imputat. L-ewwel referenza li hija ghamlet kien dak li sehh fis-17 ta' Settembru 2020 fejn semmiet li gie jqajjimha sabiex jitlob xi flus u ried li jcempel lil huh. Minhabba li huh ma riedx jaghtih flus, l-imputat ried icempel liz-zijiet tieghu halli jgib il-flus. Hija qalet hekk (a fol 39):

> "*Jirrabja hu jrid il-flus*
> *Gie aggressiv*
> *Ehe imma mhux li jerfa idejh fuqi, imma qabzitlu ried dak il-hin hu*"

Fil-fatt dakinhar tas-17 ta' Settembru 2020 ma kienx hemm incidenti fil-konfront ta' Rosina Zammit imma xorta pruvat taghmel kuntatt ma' xi hadd halli jigu l-Pulizija. Illi fil-fatt kompliet tghid li sakemm gew il-Pulizija hija setghet tohrog mid-dar u l-imputat ma ghamel xejn ghax kien minn ghalih gej huh bil-flus. Minflokk gew il-Pulizija u spicca arrestat u mehud 'il barra mid-dar.

Hija kompliet tixhed billi ghamlet referenza ghal dak li gara fl-14 ta' Settembru 2020. Illi f'dan il-kaz, l-imputat rega' talab ghal flus. Hija ziedet tghid li pruvat tfhiemu li hija ma kellhiex flus x'taghtih. F'hin minnhom pruvat tinzel it-tarag u l-imputat beda jzommha milli tinzel it-tarag ghax kienet qaltlu li kienet sejra tohrog barra forsi ssib xi flus ghalih. F'dak il-hin beda juza kliem li kien se jiggennen minhabba li ma kellux flus biex jixtri d-droga. Illi meta qaltlu li kienet sejra tiehu l-'mobile' biex taghmel kuntatt mal-kappillan sabiex jaghtiha xi flus, hallieha tohrog. Kif harget mid-dar cemplet lill-Pulizja fejn qalulha biex tibqa' barra fejn gew ghall-imputat u spicca arrestat.

Illi minn din il-parti tax-xhieda ta' Rosina Zammit jidher li kien hemm agir aggressiv tal-imputat minhabba li ma setax ikollu flus sabiex ikun jista jixtri. Illi pero' f'dak li qalet Rosina Zammit, fis-17 ta' Settembru 2020, dak li ghamel l-imputat ma kienx tali li kien hemm xi biza. Kull ma sehh kien li kien irrabbjat ghax hadd ma ried jaghtih flus. Illi fil-fatt Rosina Zammit ikkonfemat li ma kienx aggressiv maghha tant li fil-fatt meta qaltlu li gej huh bil-flus baqa' kwiet. Illi ghalhekk minn dak li hija qalet stess ma kienx hemm dik l-

aggresivita' fil-konfront taghha tant li kien hemm xi biza li seta' jaghmel xi haga fil-konfront taghha. Illi meta saritilha mistoqsija kif hassitha fiz-zewg rapporti li ghamlet qalet hekk Rosina Zammit:

"*Ma kontx qed niehu pjacir, kont imbezza hu*".

Illi hawnhekk hija ferm kontrastanti ghal dak li Rosina Zammit kienet qalet ftit qabel fix-xhieda taghha li ghalkemm gie aggressiv ma kienx se jerfa idejh fuqha. Illi ghalhekk zgur f'dawn ic-cirkostanzi ta' dak li gara fis-17 ta' Settembru 2020 ma kien hemm ebda biza' li kienet se tintuza xi vjolenza fuq il-persuna taghha. Huwa minnhu li hassitha mbezza' bis-sitwazzjoni li kienet qieghda fiha izda mhux biza' li kien sejjer juza xi vjolenza fuqha. Illi ghalhekk din il-Qorti sabiex tara jekk fil-fatt jirrizulawx l-elementi necessarji ghal sejbien ta' htija ghal dawn l-akkuzi sejra taghmel referenza ghal gurisprudenza fuq dan is-suggett.

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Bajada" deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [02.05.2013]

> "Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:
>
> "L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing distress") lill-persuna.
>
> Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli."

Anki dan il-punt tal-ahhar fil-kawza deciza fil-Qorti fl-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" deciza fil-21 ta' Gunju tas-sena 2007 fejn intqal hekk:-

> ".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."

Illi jidher bic-car minn dak li qalet Rosina Zammit hasset certu biza fis-sitwazzjoni li hija kienet fiha illi pero' ma kienx hemm vjolenza jew il-biza' li kienet sejra tintuza. Illi b'referenza ghal dak li jghid l-artikolu

251C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinkludi bhala definizzjoni wkoll ghall ghoti ta' fastidju meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz). Illi fil-fatt minn dak li qalet l-istess Rosina kienet f'sitwazzjoni li ghalkemm l-imputat ma kienx aggressiv maghha kien hemm mument ta' distress. Kien biss forsi bl-uzu tal-mod kif trattat mieghu li zammitu kalm sakemm jaslu l-pulizija.

Illi stabbilit li kien hemm distress fis-sitwazzjoni li hija kienet tinstab fiha Rosina Zammit irid jigi stabbilit element necessarju ghal sejbien ta' htija fejn jirrigwarda kazijiet li jaqghu taht dawn l-akkuzi. Illi dan l-element li huwa necessarju huwa dak li hu msejjah bl-Ingliz 'a course of conduct'. Illi fil-Ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ta' x'inhu 'a course of conduct' u cioe' fl-artikoli 251A u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Qrati taghna dejjem imxew skont il-kaz li jkollhom quddiemhom sabiex jigi stabbilit jekk hemmx 'a course of conduct' jew le. Dak li jrid jigi deciz huwa jekk dak li gara fl-14 u fis-17 ta' Settembru 2020 jammontax ghal 'course of conduct'.

Illi minn dak li qalet fix-xhieda taghha l-istess Rosina Zammit huwa car li kien hemm dak il-'course of conduct' fl-imgieba tal-imputat. Illi pero' ghandu jinghad li ma jirrizultax li f'dawn iz-zewg okkazzjonijiet kien hemm il-biza' li sejra tintuza xi forma ta' vjolenza fil-konfront ta' Rosina Zammit. Huwa car li hija kienet biss imbezza u cioe' distressed. Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi.

Illi ghalhekk din il-Qorti tara li minn dawn iz-zewg akkuzi gie pruvat f'dak li hemm kontemplat fl-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u izda mhux taht l-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ir-reat ta' Arrest, Sekwestru jew Detenzjoni**
L-Artikoli 86 jirrigwarda ir-reat ta' arrest, sekwestru jew detenzjoni illegali. Fil-kaz odjern il-Qorti ghandha thares ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u tara jekk fil-fatt jikkonkorrux l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta' arrest jew detenzjoni illegali. L-Artikolu 86 jippreskrivi illi

> "Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:

Il-Professur Sir Anthony Mamo[1] jghid hekk:

> "This section was framed on Article 169 of the Neopolitan Code. ... ...
> "The words "arrest", "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 85[2]) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (Roberti – ibid, para 323.".

Ghalkemm l-Artikolu 146 tal-Kodici Taljan – li jitratta sekwestru tal-persuna mill-privat - huwa redatt b'mod differenti minn dak tal-Artikolu 86, il-kuncett ta' x'jikkostitwixxi "sekwestru" fil-ligi Taljana xorta huwa relevanti ghall-interpretazzjoni tal-Artikolu 86. Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale jikkummenta hekk fuq x'jikkostitwixxi sekwestru:

[1] Fil-ktieb tieghu, Notes on Criminal Law, pag. 35 et seq.
[2] Illum l-artikolu 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

> "Ne finalmente, si richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in cirostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilita di scampo e di soccorso. Cosi fuq giudicato non valere ad escludere il reato la circostanza che il sequestrato si potesse liberare facendo quello che il sequestrante gli imponeva di fare, ne che le porte non fossero tutte chiuse, quando in realta il sequestrato era impedito d'andarsene ... ..."[3]

Mix-xhieda mghotija minn Rosina Zammit qalet li fl-14 ta' Settembru 2020 gie l-imputat hdejha u beda jitlobha l-flus. Illi minhabba li baqa' jinsisti li ried il-flus hija qaltlu li kienet sejra tipprova ssib xi flus u tohrog barra. Kien f'dan il-mument li l-imputat zammha milli tinzel it-tarag ghal tliet darbiet li pruvat titlaq minn hdejh. Kien biss wara li kienet qaltlu li sejra ghand il-Kappillan forsi jaghtiha xi flus halliha tmur fejn fil-fatt harget barra u cemplet lill-Pulizija fejn gie arrestat ftit wara mir-residenza t'ommu.

Madanakollu ghalkemm l-ewwel tliet imputazzjonijiet huma datati fis-17 ta' Settembru 2020, fil-jiem u fix-xhur ta' qabel din l-imputazzjoni partikolari hija datata, nhar is-sbatax (17) ta' Settembru 2020 biss u ghalhekk id-data ma taqbilx ma' dik li xehdet dwarha Rosina Zammit u ghalhekk il-Qorti ma tistax issib htija ghal din l-imputazzjoni.

**L-Akkuza tal-Pussess ta' sustanzi illeciti**

L-imputat huwa akkuzat b'pussess semplici ta' sustanza llecita. Jidher pero' mill-istess stqarrija tal-imputat meta gie mistoqsi ghal liema raguni kien qieghed jitlob il-flus huwa rrisponda li jista' jkun. Illi hawn ma qalx li huwa kien sejjer jixtri d-droga jew inkella li sabu fil-pussess tieghu xi ammont ta' droga. Illi l-istess Spettur fix-xhieda tieghu semma wkoll li l-imputat waqt li huwa kien diehel gewwa l-'lock up' kellu xi 'psychotropic drugs'. Illi f'dan il-kaz lanqas dawn il-pinnoli li nstabu skont ix-xhieda tal-istess spettur ma gew esebiti f'dan il-process jew inkella li kien hemm xi talba sabiex dawn jigu ezaminati u jigi determinat x'kienu. Illi wkoll minn domanda maghmula mill-istess Spettur ghand min imur jinqeda ma gietx specifikata ghal liema jew ghal x'hiex kien qieghed jirreferi. Id-domandi u l-investigazzjoni f'dak il-mument kienet kompitu tal-Pulizija u n-nuqqas ma tistax timlieh il-Qorti billi tassumi x'kienet l-intenzjoni tal-Ufficjal Prosekutur.

Illi jidher pero' biss li mix-xhieda tieghu l-Ufficjal Prosekutur ta verzjoni ta' fatti aktar cari ghal dak li huwa staqsieh dwar ghand min kien qieghed jinqeda ghad-droga. Illi pero' r-risposta tal-imputat ma tistax ttitiehed li kien qieghed jaghmel uzu f'xi granet jew xhur partikolari. Illi huwa semma biss kemm ilu bil-vizzju tad-droga u mhux meta ha d-droga l-ahhar. Illi ghalhekk minn dawn il-fatti li ntqalu l-Qorti ma tistax tasal ghall-ebda konkluzjoni li huwa kellu fil-pussess tieghu xi droga kif qieghed jigi akkuzat.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma ssibx lill-imputat Christopher Zammit hati tat-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnhom, issibu hati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni u tqieghed lill-hati Christopher Zammit taht ordni ta' 'probation' ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**U għal dan il-għan ukoll il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, skont it-termini imsemmija fid-digriet li qed jiġi anness ma din is-sentenza, liema ordni qiegħed isir għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar mil-lum sabiex il-hati Christopher Zammit jindirizza l-problemi tieghu relatati mal-abbuz tas-sustanzi illeciti kif ukoll tal-kundizzjonijiet mentali li jbati minnhom.**

[3] Maino op. cit. edizjoni 1890 parte 1 pag. 434 para 751

**Għal kull buon fini l-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li huwa jkollu jaffaċċja fil-kaz li huwa ma jottemperax ruħu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu bl-ordnijiet hawn fuq imsemmija.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**